# MID-DURA

Pubblikazzjoni informattiva mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Volum 2022-1



www.huntinginmalta.org.mt

**NEWSPAPERPOST**
If undelivered please return to:
FKNK P.O. Box 26 Sliema SLM1055

# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT



Għeżież ħbieb,

Insellmilkom.
Dan l-appuntament ta' kull sena huwa wieħed importanti, li wkoll jirrappreżenta mument ta' għaqda fostna.
Bħala komunità waħda li tħaddan passjoni tal-kaċċa u l-insib, kif ukoll bħala konservazzjonisti tal-ambjent ta' madwarna.

Naħseb ilkoll taqblu miegħi li dawn l-aħħar sentejn bqajna naffaċċjaw sfidi li ġabet magħha l-pandemija kurrenti tal-COVID-19, fejn ġewna mumenti li ħsibna li rritornajna għan-normal, imma dejjem erġajna rajna li dan il-virus baqa' joħloq diffikultajiet u sfidi ġodda fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Minkejja dan, nafu li hemm sfidi oħra li huma kontinwi fuq il-prattiċi u l-passjoni soċjokulturali tagħna – dawk tal-kaċċa u l-insib.

Dawn huma sfidi li aħna naħdmu fuqhom kontinwament kemm fuq skala lokali kif ukoll dik Ewropea. Dan aħna nagħmluh kontinwament bl-assistenza tat-tim legali u tekniku tagħna,biex nibqgħu niddefendu u nindirizzaw u nirribattu dawn id-diffikultajiet.

F'dawn l-aħħar xhur kellna mewġa ta' telefonati minnkom il-membri li assistejna kontinwament anke f'ċirkostanzi li l-FKNK ma kellhiex kontroll fuqhom, imma dejjem għamilna pressjoni siewja u f'waqtha.

M'aħniex qed naraw biss sfidi fuq Malta, imma qed naraw attakki imposti fuq il-prattiċi ta' kaċċa u nsib f'pajjiżi oħra mill-kontinent Ewropew.

Biss sadanittant minkejja dan il-mewġ kontrina, aħna bqajna għaddejjin, u filwaqt li bqajna nindirizzaw dawn l-isfidi komplejna nkunu progressivi.

Wieħed mill-passi kbar li għamilna kien propju l-bdil tal-immaġini tal-FKNK u għall-ewwel darba ħaddanna manifest b'viżjoni li l-FKNK ser twettaq biex tassigura preżent u futur xieraq – grazzi għal pedament sod u importanti ta' 48 sena esperjenza.

Hemm ukoll sfidi oħra li qed naraw jikbru fuq skala globali – l-isfida tat-tibdil fil-klima.
Sfida li direttament qed taffettwa u tħalli impatt negattiv fuq l-ekoloġija, l-ambjent u kif wkoll l-imġiba tal-migrazzjoni tal-għasafar. Fejn din tal-aħħar, aħna bħala kaċċaturi u nassaba Maltin u Għawdxin niddependu tant fuqha biex inkunu nistgħu nibqgħu nipprattikaw il-prattiċi soċjokulturali tagħna.

Il-kaċċatur u nassab Malti u Għawdxi, li jagħmel parti minn seba' miljun kaċċatur Ewropew, dejjem kien minn ta' quddiem biex jassigura ambjent b'abitati li jħaddnu ekoloġija b'saħħitha. Fejn naraw diversi proġetti mwettqa minna bħala kaċċaturi u nassaba għall-ġid tal-bijodiversità ta' madwarna.

Nirringrazzjakom tal-kontribut tagħkom f'dan ir-rigward, bħala konservazzjonisti, kien u għadu bla dubju wieħed importanti ħafna.

Kulħadd għandu kontribut x'jagħti, kemm biex negħlbu l-isfidi li ġabet magħha l-pandemija kurrenti, l-isfidi tat-tibdil fil-klima, u l-isfidi kontinwi minn entitajiet li huma kontra l-minoranza tal-passjoni soċjokulturali tagħna.

Flimkien irridu nibqgħu magħquda. Flimkien bħala komunità u familja waħda.

B'hekk biss nibqgħu b'saħħitna biex inkomplu nipprattikaw u ngawdu l-passjoni tagħna u nassiguraw ambjent aħjar għall-ġenerazzjonijiet ġejjiena.

Nagħlaq billi nwassal lilkom u lill-familji tagħkom l-isbaħ xewqat għal Sena Ġdida mimlija hena, u fuq kollox saħħa.

GRAZZI.

Lucas

# IL-VANTAĠĠI TA' TRASMITTATURI BIS-SATELLITA FUQ IL-*BIRD-RINGING*

Is-Sur Alessandro Tedeschi, ornitologu Taljan b'ħiliet personali u professjonaliżmu fl-ipprogrammar, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha fuq il-post u fl-analiżi tad-dejta, kiseb snin ta esperjenza fl-ottimizzazzjoni tal-proċessi tal-immaniġġjar u t-tagħmir ta' għasafar salvaġġi, b'mod partikolari l-qbid u tagħmir ta' għasafar għall-monitoraġġ bis-satellita. Ix-xewqa tas-Sur Tedeschi li jwettaq proġett ta' riċerka mmirat lejn l-istudju tal-fenoloġija tal-migrazzjoni tal-gallini jmur lura għall-2001. Bejn tentattivi tanġibbli u diffikultajiet, fl-2011 il-possibbiltà konkreta ta' realizzazzjoni saret realtà, grazzi għas-sinerġija maħluqa bejn l-Assoċjazzjoni tal-Ħbieb ta' Scolopax (li jirrappreżenta s-Sur Tedeschi), id-Dipartiment tal-Bijoloġija tal-Università ta' Padova u l-Kumpanija tar-Reġjun Veneto - Agrikoltura tal-Veneto, u l-kollaborazzjoni tal-Federazzjoni Taljana tal-Kaċċa. L-għanijiet ta' l-aħħar proġett ta' studju tiegħu msejjaħ "Scolopax Overland" huma segwiti u għadhom qegħdin jintlaħqu grazzi għall-74 gallina mgħammra bit-trasmittaturi u 68 migrazzjoni mmonitorjati f'9 snin ta' attività mingħajr interruzzjoni.

Is-Sur Tedeschi ġie mistieden Malta mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) f'Mejju 2021 meta waqt konferenza li nkludiet dimostrazzjonijiet prattiċi, ndirizza numru ta' Uffiċjali u Membri tal-Kunsill tal-FKNK, u wera l-mezz professjonali kif għandha tkun mgħammra bit-trasmittatur il-gamiem għal traċċar u monitoraġġ eventwali wara r-rilaxx tal-għasafar. Għalhekk, 8 gamiemiet kienu mgħammra bit-trasmittaturi u rilaxxati fit-23 ta' Mejju 2021 bħala parti ta' riċerka ulterjuri, peress li l-gamiem kollha rilaxxati huma mgħammra wkoll b'ċrieki adegwati tal-FKNK, tal-Proġett imniedi fl-2017 tal-FKNK: "Turtle Doves - Captive Breeding and Release". Bejn Ġunju u Lulju 2021 il-FKNK irrilaxxat 4 gamiemiet oħra li kienu wkoll mgħammra bit-trasmittaturi.

Dawn it-Trasmettituri tat-Traċċar bis-Satellita jiżnu biss 5 grammi u l-batterija tiġi ċċarġjata mill-pannell solari ċkejken tagħha. Din is-sistema hija definittivament il-mod modern 'il quddiem biex tiġi rintraċċata l-migrazzjoni ta' l-għasafar billi jistgħu jipprovdu l-imġieba u l-movimenti eżatti ta' l-għasafar; veloċità tat-titjira; l-altitudni tat-titjira u l-post; it-temperatura tal-għasfur u l-post; minbarra informazzjoni utli oħra. Dettalji li huma nieqsa fil-"Bird-Ringing".

L-iżvantaġġ ewlieni ta' dan l-apparat tal-GPS huwa l-ispiża għolja tagħhom, meta mqabbla mal-frazzjoni żgħira tal-ispiża taċ-ċrieket, u li s'issa l-apparati li jistgħu jintużaw fuq għasafar żgħar, daqs għasfur tal-għana u simili, għadhom ma ġewx żviluppati. Għaxra mill-apparat li użat il-FKNK jiswew ftit iktar minn €1200 kull wieħed, filwaqt li t-tnejn l-oħra jiswew €3500 kull wieħed. B'xorti tajba, permezz tal-intervent tal-Onorevoli Ministru Silvio Schembri, il-FKNK ingħataw *sponsor* biex inxtraw l-ewwel tmien trasmittaturi.

Il-FKNK dalwaqt ser tippubblika l-ewwel rapport perjodiku dwar din il-parti ta' riċerka ta' dan il-proġett. Ir-riżultati għandhom juru evidenza aktar konkreta dwar il-pajjiżi hekk imsejħa "reference populations" tal-gamiem, jiġifieri, il-pajjiżi fejn hemm il-popolazzjonijiet tal-gamiem li jpassi fil-gżejjer Maltin.

Bħala parti mill-*lectures* tiegħu lill-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill tal-FKNK, is-Sur Tedeschi spjega l-vantaġġi ċari tat-trasmettituri bis-satellita fuq il-"Bird-ringing". Bil-permess ġentili tas-Sur Tedeschi qed nirriproduċu hawn taħt sezzjoni tal-preżentazzjoni tal-*power point* tiegħu (maqluba bil-Malti) li permezz tagħha wera dawn il-vantaġġi.

minn Lino Farrugia

## IR-RIĊERKA L-BIERAĦ



## IR-RIĊERKA ILLUM









# EDITORJAL

## Sena Ġdida - Ħarġa Ġdida

Din il-ħarġa speċjali mill-pubblikazzjoni ta' Mid-Dura hija waħda intenzjonata biex isservi ta' komunikazzjoni magħkom matul iż-żmien ta' bidu ta' sena ġdida. Sena li għandna nħarsu lejha bi ħsieb, u kif għandna nimplimentaw ideat li għandhom eventwalment iservu għall-ġid tal-komunità tal-istess membri tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti. Din il-ħarġa kurrenti tibqa' sservi bħala mezz ta' aktar tagħrif interessanti intenzjonat lilkom il-membri.

Kif tafu din hija t-tieni ħarġa li qed nibagħtu direttament fid-djar tagħkom. Ħarġa li ssibu informazzjoni relatata ma' tiġdid tal-isħubija li tkopri wkoll assikurazzjoni lill-kaċċatur u t-tiratur sportiv. Parti mill-miżata tal-isħubija tkopri parti żgħira mill-ispejjeż ta' din il-pubblikazzjoni li tiswa ħafna flus, mhux biss bħala disinjar u stampar imma l-impustar tal-eluf ta' koppji fid-djar tagħkom. Biex inżommu element mhux kummerċjali imma wieħed informattiv mhux faċli.

Grazzi għall-għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex u mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), nistgħu nkopru parti mill-ispejjeż biex inżommu din il-pubblikazzjoni stampata ħajja. L-isfidi u d-diffikultajiet ta' stampar ta' karta huma ferm kbar fid-dinja tal-lum, biss nemmnu li huwa mezz li bih nistgħu nilħqu żgur kull individwu mill-komunità f'waqtha.

F'din il-ħarġa ħa ssibu messaġġ importanti miktub mill-Ministru responsabbli mill-Kaċċa u l-Insib indirizzat lejna d-dilettanti. Issibu wkoll informazzjoni ta' kif tistgħu tibqgħu tagħmlu parti u tibbenifikaw mill-ħarġa ta' Mid-Dura, billi tissieħbu mal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) f'wieħed mill-fergħat u/jew rappreżentanti, inkluż l-uffiċċju tal-istess FKNK fejn għandkom issibu aktar informazzjoni f'waħda mill-faċċati ta' din il-ħarġa.

Inħares 'il quddiem bħala editur, flimkien mad-disinjaturi tagħna, is-sapport tal-Kunsill tal-FKNK, u n-numru ta' kollaboraturi kollha biex inwasslu pubblikazzjonijiet ta' ħarġiet informattivi, interessanti u utli direttament fid-djar tagħkom.

Għinuna nibqgħu nwasslulkom dawn il-ħarġiet billi tkunu parti mill-istess FKNK.

**Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti - FKNK**
138, Triq il-Kunċizzjoni
Msida MSD 1831
FKNK
P.O. Box 26
Sliema SLM 1055

www.huntinginmalta.org.mt
info@huntinginmalta.org.mt

**Editur:**
Lucas Micallef

**Disinn:**
Ability Publications Ltd
2124 1317

**E-mail:**
abpublicationsltd@gmail.com

**Stampar:**
Gutenberg Press

### Għamel parti MID-DURA

Jekk hemm xi suġġett partikolari relatat direttament jew le mall-kaċċa, insib, jew ambjent u tixtieq taqsam storja jew tixtieq tikteb artiklu għall-edizzjonijiet tal-pubblikazzjoni MID-DURA ġejjiena, ikteb fuq pro@huntinginmalta.org.mt

# IL-KAĊĊA - IKEL DELIZZJUŻ U BNIN - IL-KAĊĊA FIL-KĊINA

### Huwa fatt li l-kaċċa kollha tittiekel.

Bħal prattikament f'kull pajjiż, mhux inqas f'Malta, l-ikel tal-kaċċa huwa meqjus bħala "delicacy" u l-konsum tal-kaċċa dejjem iffurmat parti mid-dieta rurali Maltija. Madankollu, u minkejja li eluf ta' kotba tat-tisjir inkitbu dwar il-kċina lokali, bi wħud minnhom fihom ftit riċetti tal-kaċċa, għad m'hemm l-ebda ktieb tat-tisjir tal-kaċċa speċjalizzat, s'issa! Għalhekk, fil-preżent, l-FKNK tinsab fil-proċess li tippubblika ktieb bħal dan b'kollaborazzjoni ma' *chefs* lokali professjonali. Dan il-ktieb jista' jkun fih ukoll ir-riċetti tal-kaċċa mhux miktuba li ħafna minnhom kienu jintilfu u jintesew kieku ma kienx għall-għoti ta' dawn ir-riċetti, bil-fomm u dimostrazzjoni, mill-anzjani tal-familji kaċċaturi lil uliedhom u l-familji rispettivi. Riċetti tal-istaġun u tajbin għas-saħħa li l-kaċċaturi lokali biss jistgħu 'jaffordjaw', peress li jkun xi jkun l-ammont ta' flus li wieħed jista' jkollu, dan qatt ma jista' jixtri, minn kwalunkwe restorant, brodu tal-gamiem, u lanqas torta tal-imlivez u l-alwett, jew gallina jew pluviera "braised".

Minbarra t-tjubija, fil-ġurnata tal-lum, għal ħafna nies li huma konxji mil-livell ta' xaħam fid-demm, jew kif inhu aktar magħruf, il-kolesterol, il-kaċċa għandha ċertament tikkostitwixxi parti mid-dieta tagħhom peress li minħabba n-natura tal-għajxien tagħha fis-selvaġġ, kwalunkwe kaċċa ftit li xejn iżżomm xaħam ma' laħamha. Għalhekk wieħed mis-sigrieti li għandna nżommu f'moħħna waqt is-sajran tal-kaċċa hu li ma nħalluhiex tixxotta ż-żejjed minħabba dan in-nuqqas ta' xaħam. Fil-fatt għad hawn min jippreferi jsajjar il-kaċċa fix-xaħam minflok żejt, però jekk wieħed jipprova jissuġġerixxi dan f'xi riċetta fil-ġurnata tal-lum, wisq nibża' li dan jitqies bħala miġnun. Għaldaqstant fir-riċetti li beħsiebna nibdew nippubblikaw fil-ħarġiet ta' **Mid-DURA** f'dan l-ispazju, dejjem ser jissemma ż-żejt, preferibbilment ukoll taż-żebbuġa, fejn japplika.

### Metodi, ingredjenti u informazzjoni ġenerali

F'din l-introduzzjoni ser nagħti xi metodi u ċertu ingredjenti ġenerali li wieħed għandu japplika għal kull riċetta li eventwalment nippubblikaw. Ir-riċetti tal-kaċċa, mhux ser ikunu limitati biss għal kaċċa li tinqabad fil-gżejjer tagħna. Dan għas-sempliċi raġuni li kif jaf kull kaċċatur ma tantx għandna speċi ta' kaċċa ta' għasafar li nistgħu naqbdu, però wkoll minħabba raġuni oħra, biex insejħulha hekk, moderna, li ħafna kaċċaturi Maltin u Għawdxin issa ta' sikwit qed iżuru pajjiżi oħra fuq btajjel ta' kaċċa minn fejn iġibu magħhom xi kaċċa li jkun qabdu. Barra mir-riċetti tal-kaċċa beħsiebna wkoll nippubblikaw xi riċetti oħra li nafu li huma popolari ħafna mad-dilettanti kaċċaturi u nassaba, bħal tal-bebbux. Fl-użu ta' kull riċetta wieħed għandu kemm jista' jkun dejjem juża ingredjenti friski, speċjalment fejn jidħlu ċertu ħwawar bħat-tursin, tewm, basal, krafas, eċċ., u l-melħ, u speċjalment il-bżar, għandhom ikunu mitħuna friski. Meta xi riċetta teħtieġ is-sajran fil-forn, dan għandu dejjem ikun mixgħul minn qabel, biex meta ddaħħal l-ikel ġo fih ikun diġà sħun.

### Nittef u tisloħx

Biex takkwista l-aħjar palat fit-tisjir tal-kaċċa tal-għasafar, idealment l-għasfur għandu jkun imnittef u mhux misluħ. Nistħajjilkom tgħidu, min ser joqgħod inittef l-imlievez jew l-alwett?! Però nissuġġerilkom li tippruvaw xi riċetta tal-imlievez jew l-alwett li tkunu nittiftu u żgur tinnutaw id-differenza fit-tjubija. Meta tiġi biex tnittef xi għasfur, dan għandek tagħmlu l-ewwel nett f'post mingħajr riħ u r-rix għandu jintrema minnufih f'xi borża jew kaxxa tal-kartun. L-istess għandu wkoll isir meta tkun qed tqaxxar minflok tnittef. Ġeneralment it-tnittif għandu jibda mill-pinen primarji tal-ġwejnaħ, tkompli bil-bqija tal-ġwejnaħ, tmur għall-pinen u l-bqija tad-denb, u tispiċċa bil-bqija tal-ġisem tal-għasfur. Dejjem nittef kontra kif titla' r-rixa (ħlief għall-pinen fejn għandek tiġbed dritt kif jippuntaw l-istess pinen), għal dan il-bqija tal-ġisem tal-għasfur, però toqgħod attent li ma tisloħx. F'każ ta' għasfur imdaqqas bħal ngħidu aħna xi borka, din tista' sserraħha fuq wiċċ ta' xi mejda biex tnittifha. Wara li taqta' r-ras u s-saqajn, naddaf l-għasfur mill-intern u aħsel sew kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa taħt ilma kiesaħ, imbagħad ixxotta b'paljazza nadifa. Meta taf li l-ġwejnaħ tal-għasfur ftit jew xejn fihom laħam, allura tista wkoll taqta' dawn barra minflok toqgħod tnittifhom. Ovvjament b'dan il-metodu l-għasfur ma tantx jibqa' sabiħ għall-preżentazzjoni. Hija ħaġa tal-iskantament kemm hu aktar faċli tnittef għasfur meta dan ikun għadu maqbud frisk (dan japplika wkoll meta tisloħ), barra wkoll mill-fatt li l-palat tal-kaċċa friska hija itjeb.

### Meta terfa' ġol-freezer

Sakemm m'għandekx ammont kbir f'daqqa ta' kaċċa, ikun ideali li qabel terfa' ġol-freezer, il-kaċċa tkun nittiftha jew sloħtha u mnaddfa kif diġà fehemna. Ftakar li l-kaċċa bir-rix aktar tieħu spazju fil-freezer. Huwa dejjem importanti li l-kaċċa hekk ippreparata titqiegħed ġo borża tal-plastik, waqt li kaċċa bir-rix ġo gazzetta mbagħad ġol-borża tal-plastik. F'kull każ immarka xi tkun il-kaċċa u meta poġġejtha fil-freezer. Ġol-freezer, il-kaċċa mhux misjura ġeneralment tibqa' tajba anke sa disa' xhur wara. Kaċċa, apparti għasafar, bħal pereżempju fenek, qatt m'għandha titpoġġa ġol-freezer mhux misluħa u mnaddfa.

### Id-dendil tal-kaċċa

Barra minn Malta hija l-użanza li l-kaċċa tiddendel għal ftit jiem qabel din tmur għat-tisjir. Ir-raġuni għalfejn dan isir hu għax b'hekk il-*fibres* tal-laħam jitkissru u l-laħam isir aktar tari (min ma jiftakarx il-laħam imdendel għand il-ħwienet tal-laħam u t-tjubija ta' dan qabel l-introduzzjoni tal-*pre-packs* tas-supermarkets tal-lum!). L-għasafar jiddendlu minn rashom filwaqt li kaċċa oħra bħal fniek, ċriev, eċċ., jiddendlu minn saqajhom. Madankollu, fil-gżejjer tagħna minħabba l-klima sħuna ta' pajjiżna dan ma jistax ikun possibbli, ħlief li tkun idea tajba li l-kaċċa tiddendel forsi għal ftit ħin, skont it-temp tal-ġurnata.

### Riċetta ġenerali għall-kaċċa Maltija

Qabel ma mmorru għar-riċetti, irrid nispjega li r-riċetti li ser nagħtu, mhux neċessarjament huma kompletament oriġinali, però minbarra xi differenzi użati mill-awtur, kull riċetta ġiet ippruvata mill-istess awtur.

Ġeneralment ukoll kull riċetta għandha sservi għal erba' persuni.

**Riċetta ġenerali** li tista' tgħid li tapplika għal kull kaċċa t'għasafar żgħar li jinqabdu f'Malta hi li ssaħħan ftit żejt; f'liema żejt taqli żewġ tewmiet imqattgħa sakemm dawn jieħdu l-kulur; żid il-kaċċa, kull għasfur maqsum f'erba' biċċiet ma' ftit inbid abjad u ħafna nqas ħall abjad, melħ u bżar; u ħalli kollox itektek fuq nar bati. Żid l-inbid, jew ilma fietel biex ma jixxuttax, kif meħtieġ, sakemm tara li saret sew il-kaċċa. Servi ma' patata chips u ħaxix frisk moqli jew mgħolli.



minn Lino Farrugia

# AVVIŻ TA' TIĠDID 2022

**Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) toffri diversi livelli ta' Sħubija**

**Fejn Tista Tinqeda:** L-Uffiċini tal-FKNK l-Imsida li se jkun miftuħ kull filgħaxija matul il-ġimgħa u s-Sibtijiet filgħodu

Għand l-Għaqda tad-Distrett tiegħek

**Kif ukoll f'wieħed mill-Ħwienet u Postijiet oħra hawn taħt indikati:**

Alan il-Gamblu - Fgura
Bad to the Bone - Marsascala
Badgera Pet Shop – Żejtun
Bezzina Joe - Zurrieq
Bruce Pet Shop - Rabat Brumi - Żabbar
Chippy Pet Shop – Għaxaq
Doves Pet Shop – Birżebbuġa
Emmanuel Abela (IL-GRUN) - Mġarr
Executive Guns & Ammo – Żejtun
Field, The – Rabat
Fieldsports – Mellieħa
Għaqda Kaċċaturi Tiraturi Qriema – Qormi
GħKNK Qriema – Qormi
GħKNK Msida - Msida
GħKNK Żurrieq - Żurrieq
Għargħur Pet Shop - Għargħur
Godfrey Falzon Mapfre Middlesea - Naxxar
Godfrey Pisani Household Centre - San Ġiljan
Green Acres - Fgura
Greenspot - Pet & Garden – Qormi
Grima Fruit & Vegetables - Qawra
Guido Agius (Garage) - B'Kara
Gun & Cycle Supplier (TAR-ROTI) - Rabat
Gun & Rod Sports Shop - San Ġwann
Gun & Target (ĊIEQU) - Żebbuġ
Gun Shop (TAL-MAGRU) – Rabat
Il-Ħarruba Petshop – Dingli
In-Namra (IT-TEWMA) – Żebbuġ
Joemar Petshop - Għaxaq
Kilo's Petshop – Rabat
Lantas - Zabbar
Merill/Verdun – Rabat
Merill 2 - Rabat
Michael Tanti (TAL-ISKRATAĊĊ) – Żurrieq
MSSF – Bidnija/Ta' Kandja
Mtarfa Pet Shop - Mtarfa
Natura Hobbies - Żejtun
Petcare Pet Shop - Żurrieq
Pet Stop - Żurrieq
Pet Zone - Żejtun
Pintail, The - Qormi
Ranċiża Pet Shop – Siġġiewi
Raymond Borg (FURJULAK) - Qormi
Shooting Supplies - Mġarr
STG Imports (Tal-ARION) - Dingli
St. James Cycle Way (BUTTARU) -Żabbar
Ta' Frenċ - Siġġiewi
Ta' Frida – Mqabba
TacticArms - Balzan
Tal-Basli Pet Shop - Gudja
Tal-Pjazza - Luqa
Tarzan – Mosta
Tarxien Veterinary Pharmacy - Tarxien
Tinkerbell Pet Shop - Żejtun
Tommy Auto Electrician - Żabbar
Tropical Bird Center - Żebbuġ
Valley Pet Shop - Marsaxlokk
Village Pet - Żabbar
Windhagen (GEJTU) - Siġġiewi
Xażi Bar - Qormi
Xufi Petshop – Mosta

**U Ġewwa GĦAWDEX:**

Johnny Sultana (KANONK)–Id-Dura–Rabat Għawdex
J&J Petshop - Nadur
Mario – Hobbies – Rabat Għawdex
Pawlu taż-ŻEBBUĠ - Rabat Għawdex
Ta' Kola Gun Shop – Ix-Xagħra
Ta' Mallia (Angelo) - Victoria

138 Conception Street, Msida MSD 1831, Malta
T: (+356) 21 310 448 - M: (+356) 99 474 503
E: info@huntingmalta.org.mt

**huntinginmalta.org.mt**

# ‘RENEWAL NOTICE’ 2022

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) toffri diversi livelli ta' Sħubija lill-Membri tagħha kif jidher hawn taħt - BL-ISTESS PREZIJIET TAS-SENA 2022:

| Livell ta' Sħubija | Prezz ta' Sħubija |
|---|---|
| Nassab Biss (assigurazzjoni ma tapplikax) | €16.50 |
| Bronz | €35.00 |
| Fidda | €40.00 |
| Deheb | €50.00 |
| Deheb Ewropa | €70.00 |
| Deheb id-Dinja (eskl. USA u Canada) | €80.00 |

Il-'Master Policy' ta' l-FKNK, maħruga mill-Mapfre Middlesea, toffri diversi livelli ta' benefiċċji skond il-Livell ta' Sħubija li tagħżel kif jidher hawn taħt:

| Limiti ta' Kunpens-Sommom Assigurati | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Livell ta' Sħubija | Risponsabbilta' Lejn Terzi | Inċident Personali | Riskji Sħaħ (Armi) | Spejjes Legali (għall-Gżejjer Maltin hiss) |
| KAĊĊATUR - JISTA JKUN MEMBRU B'XEJN UKOLL FIL-'FKNK SHOOTING CLUB' | | | | |
| *Bronz* | € 125,000.00 | Ma tapplikax | Ma tapplikax | Ma tapplikax |
| *Fidda* | € 125,000.00 | € 25,000.00 | *'Market Value' tal-Arma/i* | Ma tapplikax |
| *Deheb* | € 250,000.00 | €40,000.00 | *'Market Value' tal-Arma/i* | € 1,165.00 |
| *Deheb Ewropa* | € 250,000.00 | €40,000.00 | *'Market Value' tal-Arma/i* | € 1,165.00 |
| *Deheb id-Dinja* (eskl. USA uCanada) | € 250,000.00 | € 40,000.00 | *'Market Value' tal-Arma/i* | € 1,165.00 |

138 Conception Street, Msida MSD 1831, Malta
T: (+356) 21 310 448 - M: (+356) 99 474 503
E: info@huntingmalta.org.mt
**huntinginmalta.org.mt**

# L-IMPORTANZA KULTURALI TAL-FALKUNERIJA TIRĊIEVI RIKONOXXIMENT PRESTIĠJUŻ TAĦT KONVENZJONI GLOBALI

**Il-Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni (FACE) u l-Kunsill Internazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Kaċċa u l-Ħajja Selvaġġa (CIC)** huma kuntenti li l-**UNESCO** ddeċidiet li tinkludi sitt pajjiżi ġodda (Kroazja, Irlanda, Olanda, Polonja, Slovakkja, Kirgistan) fuq l-iskrizzjoni *"Il-Falkunerija, wirt uman ħaj"* tal-Lista Rappreżentattiva għall-Wirt Kulturali Intanġibbli tal-Umanità (ICH). Dawn iż-żidiet importanti jikkontribwixxu għal rikonoxximent globali impressjonanti għal 24 pajjiż, li jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi promossa u mħeġġa l-importanza kulturali tal-falkunerija.

L-iskrizzjoni ġiet approvata uffiċjalment fl-14 ta' Diċembru 2021 f'Pariġi fil-laqgħa tal-Kumitat Intergovernattiv għall-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar is-Salvagwardja tal-Wirt Kulturali Intanġibbli. Ir-rikonoxximent internazzjonali tal-falkunerija f'dawn il-pajjiżi se jgħin biex jiġi appoġġjat it-tqajjim ta' kuxjenza dwar l-element tal-wirt kulturali.

Il-valur ta' din il-lista mhuwiex biss għall-pajjiżi fost l-24 li huma msemmija. Sabiex tinkiseb lista




internazzjonali bħal din, il-180 pajjiż kollha fl-UNESCO ICH għandhom jivvutaw b'appoġġ hekk kif il-konvenzjoni taħdem b'kunsens. Jekk mank pajjiż wieħed ma jaqbilx, jitwaqqaf l-elenkar. Din il-lista mill-UNESCO tista' tintuża biex tappoġġja argumenti favur il-falkunerija anke f'pajjiżi, li mhumiex firmatarji tal-konvenzjoni. Elenkar b'suċċess ta' kwalunkwe element fil-Lista Internazzjonali jobbliga lill-gvernijiet mhux biss li jippermettu iżda li jassistu u jippromwovu l-element.

B'referenza għall-aħbar tajba, Gary Timbrell Kap Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Falkunerija u l-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Priża (IAF) iddikjara:

*"Hemm qawl antik li jgħid 'Soċjetà tikber meta x-xjuħ iħawlu siġar li għad-dell tagħhom ma joqogħdu qatt.' Dan ir-rikonoxximent mill-UNESCO huwa dovut għal dawk li ħallewna, dawk li rawmu u kkultivaw l-arti tal-falkunerija jafu li forsi qatt ma jarawha rikonoxxuta. Il-falkunerija hija familja; tant tolqot li daqstant pajjiżi jħossuhom parti minn din il-familja"*.

Aktar kmieni din is-sena, il-membri tal-FACE, inkluż il-**Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK)**, adottaw pożizzjoni ġdida tal-falkunerija fl-Ewropa biex tiggwida x-xogħol fuq dan is-suġġett. Din il-pożizzjoni theġġeġ:

- li tippromwovi t-tkabbir kontinwu tal-falkunerija fl-Ewropa bħala arti tal-kaċċa, li tissalvagwardja l-wirt kulturali, li ġġib konservazzjoni importanti u benefiċċji soċjoekonomiċi.

- li tistieden lill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali biex iżommu jew jintroduċu (fejn il-falkunerija għadha mhix preżenti) oqfsa legali biex jippermettu u jippromwovu l-falkunerija.

- li tappoġġa l-użu tradizzjonali sostenibbli u ġudizzjuż ta' għasafar selvaġġi tal-priża għall-falkunerija kif deskritt fid-Direttiva dwar l-Għasafar.

- li tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni u s-solidarjetà bejn l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-kaċċa u l-organizzazzjonijiet tal-falkunerija tagħhom biex tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-falkunerija bħala kaċċa sostenibbli u parti minn wirt komuni tal-kaċċa.

Is-suġġett tal-falkunerija kien fil-qalba tad-diskussjonijiet matul l-aħħar Assemblea Ġenerali tas-CIC f'Budapest f'Settembru 2021. Numru ta' membri tal-panel waqt is-sessjoni "Kultura tal-kampanja" semmewh bħala eżempju brillanti tal-UNESCO, mhux biss fis-salvagwardja tal-kulturi iżda fil-ħolqien ta' sens ta' responsabbiltà u amministrazzjoni lejn it-tradizzjonijiet.

Il-falkunerija hija l-arti tal-kaċċa b'għasafar tal-priża mħarrġa – imwielda minn tradizzjoni lokali antika madwar id-dinja – u apprezzata llum bħala fenomenu kulturali globali li huwa preżenti kullimkien. Għandha rwol ċentrali f'diversi aspetti tal-kultura tagħna u tgawdi storja twila li tmur lura aktar minn 4000 sena.

Il-FKNK, membru ta' 34 sena u 32 sena ta' FACE u CIC rispettivament, tittama li Malta, li tgawdi tradizzjoni antika fil-falkunerija mill-bidu tas-seklu sittax u l-Kavallieri ta' Malta, ma jdumx ma tiġi miżjuda mal-Lista tal-UNESCO. Il-falkunieri Maltin huma rappreżentati mill-**Malta Falconry Club** li hija membru affiljat tal-FKNK.

# PROĠETT TA' TNISSIL TAL-GAMIEM FIL-MAGĦLUQ U T-TLUQ TAL-FRIEĦ FIS-SELVAĠĠ B'KOLLABORAZZJONI BEJN L-FKNK U L-ISKOLA PRIMARJA TA' SANNAT, GĦAWDEX

Bħalma lkoll ilna nisimgħu, il-popolazzjoni tal-gamiem ilha instabbli mis-sebgħinijiet u qed tonqos madwar l-Ewropa kollha. Diversi studji juru li t-tnaqqis tal-gamiem fl-Ewropa huwa primarjament minħabba li l-prattiċi tal-biedja nbidlu drastikament u saru aktar intensivi. Skont studju li kien sar mill-Kummissjoni Ewropea fl-2007, l-akbar theddid għall-gamiema huma t-telf tal-abitat u t-tibdil fil-klima.



B'hekk, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti lura fl-2017 tat bidu għal proġett li huwa l-uniku għajnuna supplimentari li Malta tista' tagħti biex tgħin il-popolazzjoni tal-gamiem fl-Ewropa, minkejja l-fatt li l-gżejjer Maltin ma għandhomx abitat siewi u d-daqs tal-art huwa ristrett għall-gamiema biex tbejjet hawn.

Dan il-proġett jikkonsisti fi tnissil u trobbija ta' gamiem fil-magħluq u t-tluq tal-frieħ lura fis-selvaġġ fi żmien il-passa tal-għasafar, pero` waqt li l-istaġun tal-kaċċa tal-għasafar ikun magħluq. B'hekk dawn il-frieħ ikunu jistgħu jkomplu r-rotta ta' migrazzjoni tagħhom.

L-iskola Primarja u Unità Speċjali ta' Sannat kienet l-ewwel skola li pparteċipat f'dan il-proġett u b'sodisfazzjon kbir irnexxielna nnisslu diversi bċieċen tal-gamiem.

F'Jannar 2021 waqt it-tnidija tal-proġett, flimkien mal-istudenti pparteċipaw ukoll membri tal-amministrazzjoini tal-FKNK u l-Ministru għal Għawdex l-Onor Clint Camilleri. F'din l-attivita` ntelqu għaxar pari ta' gamiem f'ġuva mdaqqsa li ġiet iffinanzjata mis-sezzjoni ta' Eko Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

B'sodisfazzjon kbir l-istudenti irnexxielhom inisslu tmienja u għoxrin beċċun tal-gamiem fejn issa nistennew iż-żmien opportun, kif spjegat aktar 'il fuq, biex dawn il-bċieċen tal-gamiem jintelqu fis-selvaġġ, fejn ikunu jistgħu jpassu



lejn pajjiżi fl-Ewropa jew l-Afrika, f'foresti li f'pajjiżna huma skarsi ħafna.

Huwa ferm importanti li l-istudenti mhux biss ngħallmuhom suġġetti akkademiċi imma wkoll ħiliet u esperjenzi li aktar ma jgħaddi żmien aktar qegħdin jonqsu, forsi wkoll minħabba l-użu eċċessiv tat-teknoloġija li qed iwassal għal anqas prattiċi tradizzjonali u kif ngħidu "hands-on".

Huwa ta' sodisfazzjoni għalina l-edukaturi meta naraw lill-istudenti b'tant entużjażmu jistennew li jerġa' jasal żmien il-bejtiet biex jekk Alla jrid jerġa' jkollna sena ta' suċċess u nerġgħu nitilqu aktar bċieċen fis-selvaġġ.

Minn hawn nixtiequ nħeġġu skejjel oħra bi spazji miftuħa biex jipparteċipaw ukoll f'dan il-proġett tat-tnissil tal-gamiem biex flimkien ngħinu fit-tkabbir tal-popolazzjoni tal-gamiem.

Is-Sur Joseph DeBrincat
Assistant Kap.

# MESSAĠĠ MILL-MINISTRU CLINT CAMILLERI

Hu ta' sodisfazzjoni għalija li qed nindirizza lilkom, dilettanti tal-kaċċa u l-insib, f'din il-pubblikazzjoni tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti; l-ewwel waħda għas-sena 2022.

Il-delizzju li nipprattikaw aħna n-nassaba u kaċċaturi mhux darba u tnejn inghata prominenza fuq il-mezzi tax-xandir għal raġunijiet varji. Sfortunatament, qed ngħixu f'soċjetà fejn aħbar ħażina tingħata iktar widen mill-ħafna ġid li jsir fl-isferi kollha tal-ħajja. Qed ngħid dan għax persważ li ser tifmuni meta ngħid li n-nuqqasijiet, jew aħjar il-bluha tal-ftit, qed ikomplu jitfgħu dell ikraħ fuq il-prattika tagħna liema prattika tmur lura mijiet ta' snin. Il-ftit aċċidenti iżolati li jkollna matul is-sena qed itappnu l-ħafna xogħol siewi li l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti qed twettaq.

Matul is-sena li għadda kif intemmet, fost in-numru ta' laqgħat li jkolli b'mod regolari, żammejt ukoll numru ta' laqgħat ma' delegazzjoni mill-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti fil-Ministeru għal Għawdex. Matul l-aħħar laqgħa, li saret propju f'Diċembru, fost it-temi diskussi kien hemm l-andament tar-riċerka xjentifika li qiegħda jsir fil-preżent min-nassaba rigward il-passa tal-għasafar tal-għana u r-reazzjoni rispettiva xejn ġusta, ekwa jew raġonevoli tal-Kummissjoni Ewropea.

Fost l-oħrajn ġie diskuss ukoll l-istharriġ li ġabret l-FKNK rigward il-kaċċa tal-gamiem f'Settembru li għadda, il-kaċċa u l-insib tal-gamiem fir-rebbiegħa, il-kaċċa minn fuq opri tal-baħar, il-'bird-ringing' u l-infurzar tar-regolamenti preżenti. Dwar din tal-aħħar issemma kif nassab u/jew kaċċatur qiegħed jinstab ħati u jinghata l-piena qabel dak li jkun jitressaq il-Qorti. Bħala Ministru responsabbli min dan is-settur inwiegħed li nkompli naħdem biex dawn l-anomaliji jiġu ndirizzati.

Bħala Gvern dejjem adottajna l-istess pożizzjoni fejn jidħlu l-prattiċi ta' kaċċa u insib; dik li nissalvagwardjaw u nipproteġu din it-tradizzjoni. Dan qed nagħmluh b'mod għaqli u fuq il-pariri tekniċi li ninghataw mill-kumitati rispettivi li l-Gvern waqqaf. L-isforzi tagħna qed jagħtu r-riżultati għalkemm forsi mhux dejjem nilħqu l-aspettattivi ta' kulħadd.

Apparti dan, il-messaġġ tan-nassab u kaċċatur Malti u Għawdxi qed inwassluh ukoll fl-isfera internazzjonali, speċjalment dik Ewropeja. Hawn niehu spunt u nirringrazzja lill-rappreżentanti Maltin li għandna fil-Parlament Ewropej li joħorġu għonqhom u jwasslu l-ilmenti tal-kaċċatur u nassab Malti li jħoss li qed jingħata trattament differenti mill-kompatrijott tiegħu fl-istess Unjoni Ewropea.



Ippremettuli nifraħ ukoll lill-Federazzjoni ta' xi inizjattivi interessanti li imbarkat fuqhom li qed jagħtu riżultat tanġibbli. Hawn qed nirreferi għall-programm ta' tnissil u rilaxx ta' gamiem liema inizjattiva saret fl-iskola Primarja Ta' Sannat f'Għawdex liema inizjattiva hi mmirata biex titkattar il-popolazzjoni tal-gamiem. Insemmi ukoll il-proġett ta' Siġar u Arbuxelli Indiġeni Maltin bil-għan li jerġa jintroduċi f'pajjiżna flora u fauna sinonimi mall-gżejjer Maltin kif ukoll l-inizjattiva li jerġa jiġi ntrodott il- barbaġann fl-inħawi tal-Ġonna tal-Buskett liema inizjattiva rat il-bidu tagħha lura fis-sena 2017. Konvint li din l-Għaqda, li bin-numru ta' membri fi ħdana hi l-akbar għaqda attiva f'pajjiżna, għandha aktar proġetti u inizjattivi interessanti li ser timbarka fuqhom matul is-snin li ġejjin.

Nawgura li s-sena li għadna qed nibdew tkun sena oħra impenjattiva għall-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti u l-membri fi ħdana. Bħala Ministru responsabbli min dan is-settur, nwiegħed aktar ħidma min naħa tiegħi, kemm fuq livell lokali kif ukoll dak Ewropew, biex din il-passjoni tibqa tiġi pprattikat mill-eluf ta' dilettanti Maltin u Għawdxin.

Nixtiqilkom ilkoll sena mimlija saħħa u paċi!



# L-AKBAR NUMRU TA' TEĦID TA' "KAĊĊA" FID-DINJA

Dan l-artiklu interessanti ferm huwa meħud mir-rivista Amerikana "Sports Afield" ta' Novembru/Diċembru 2021 miktub minn Shane Mahoney, bijologu, kitieb, kaċċatur, sajjied, u lettur dwar il-konservazzjoni tal-ambjent naturali, ta' fama internazzjonali. L-artiklu, li jirrifletti l-opinjoni tal-kittieb u mhux neċessarjament tal-FKNK, ġie maqlub għall-Malti mill-Kap Eżekuttiv tal-FKNK, Lino Farrugia għal din il-ħarġa ta' Mid-DURA:

**L-istandards li napplikaw għall-kaċċa biex tiġi evitata l-moħqrija u l-ħela m'għandhomx japplikaw għas-sajd kummerċjali wkoll?**

Id-Dizzjunarju Oxford jiddefinixxi l-kaċċa bħala l-attività ta' segwitu u qtil ta' annimal selvaġġ għall-isport jew l-ikel. Dik id-deskrizzjoni tidher ċara biżżejjed, u nissuspetta li ftit fostna joqogħdu jikkontradixxuha, għalkemm illum nistgħu nniċċaraw it-terminu "sport" u nispjegaw li mhux l-insegwimenti kollha tal-kaċċaturi jispiċċaw b'suċċess. Indipendentement, fl-aħħar nifhmu u nirrikonoxxu li l-att tal-kaċċa jirriżulta fil-mewt ta' annimal, ikunu kemm jistgħu jkunu diversi l-motivazzjonijiet tal-kaċċatur. Huwa dan l-iskop maħsub li jinsab fil-qalba tal-inċertezza, l-iskumdità jew l-antagoniżmu dejjem akbar tas-soċjetà lejn dik li kienet, sa ftit ilu, dimensjoni aċċettata tal-mod ta' ħajja (way of life).

Filwaqt li l-kaċċa rikreattiva legali ta' għasafar u mammiferi hija b'mod ċar sostenibbli, hija regolata u infurzata ħafna, u wriet benefiċċji ta' konservazzjoni, l-akbar numru ta' teħid ta' kaċċa fid-dinja huma nnutati għan-nuqqas ta' sostenibbiltà tagħhom, l-evażjoni kontinwa ta' proċessi regolari, ir-rappurtar skorrett, il-ħela, it-tnaqqis tal-popolazzjonijiet tal-annimali fuq skala globali, indifferenza ċara għall-moħqrija tal-annimali, u trattament ħażin kontinwu tal-annimali selvaġġi.
Iva, din il-kaċċa tal-akbar numru ta' teħid hija appoġġjata u ssussidjata minn gvernijiet dinjin, meqjusa bħala essenzjali għall-kundizzjoni tal-bniedem, u ġeneralment ma tiġix opposta mill-pubbliku rigward l-iskop premeditat li jsegwu, jaqbdu, u joqtlu numru xokkanti ta' annimali **selvaġġi** kuljum. Barra minn hekk, filwaqt li l-kaċċa regolata għall-mammiferi u l-għasafar selvaġġi hija strutturata legalment biex tiżgura t-teħid ta' speċi speċifikati biss u ħafna drabi daqsijiet u klassijiet ta' età speċifikati ta' individwi, kollha fi ħdan staġuni speċifikati, qosra, ta' kaċċa ristretta għal sigħat tal-jum, il-kaċċa l-oħra tippermetti teħid konsiderevoli ta' speċi oħra mhux speċifikati u, ħafna drabi, il-klassijiet ta' età u d-daqsijiet kollha ta' dawk speċifikati, ħafna drabi għal perjodi estiżi jew saħansitra s-sena kollha, erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, lejl u nhar. Filwaqt li l-kaċċaturi rikreattivi regolati jitħarrġu biex ikunu liċenzjati b'teknoloġiji speċifiċi sabiex jimmassimizzaw il-probabbiltà ta' mewt ta' malajr u jimminimizzaw it-tbatija tal-annimali, dawn it-tipi oħra ta' kaċċa jinjoraw **għal kollox** tali kunsiderazzjonijiet u jikkaġunaw uġigħ u tbatija fuq skala massiva.

Ara naqra! Dawn ċertament huma d-differenzi sinifikanti u jsiru għaliex kaċċa bħal din hija tollerata, kif ukoll imħeġġa ħafna, meta t-teħid regolat ta' anke ljun wieħed, jew ors jista' jikkawża bosta protesti, xi whud minnhom maħduma iżda ħafna minnhom onesti. Imma fejn issir din il-kaċċa, tistaqsi? Xi pajjiż barrani fejn l-istat tad-dritt u d-deċenza ċivili ġew abbandunati? Fid-dinja ta' taħt l-art (*underworld*) immexxija mill-kartell fejn il-vjolenza u r-regħba huma mħeġġa? Mela, mhux eżatt. Il-kaċċa inkwistjoni ssir fil-miftuħ u taħt il-gwida tal-gvernijiet dinjin. Huma meqjusa bħala essenzjali għall-komunitajiet, l-ekonomija, u s-saħħa tal-bniedem. Dawn isehħu fl-estwarji u l-bajjiet u tul ix-xtut u l-artijiet ta' diversi pajjiżi. Jseħħu fil-koves, fjords, u daħliet ta' ħafna nazzjonijiet u fuq is-sikek, banek u xkafef, u tul ftuħ vast tal-oċeani u l-ibħra tad-dinja. Tabilħaqq il-kaċċa globali għall-ħut tad-dinja sseħħ kullimkien, kuljum, f'kull ħin tal-ġurnata, b'kull teknoloġija li tista' tiġi falsifikata, li tiffoka fuq il-postijiet kritiċi tat-tnissil u tat-tfaqqis tal-ispeċi inkwistjoni u ħafna drabi teqred dan il-ħabitat, u topera bl-ebda tħassib għas-sensibilitajiet ta' nies li jistgħu jopponu l-attività jew inkella jkunu offiżi, b'kemm idumu l-annimali kkaċċjati biex imutu.






Allura għaliex dawn l-azzjonijiet huma tollerati u, b'mod aktar speċifiku, għaliex hemm differenzi bħal dawn fil-mod kif il-pubbliku jqis u jirrispondi għal dawn l-attivitajiet, meta mqabbel mal-ħsad ta' għasafar u mammiferi? Ukoll, forsi l-aktar raġunijiet bażiċi huma li nħossuna differenti lejn il-ħut u, b'xi mod, ftit minna nqisu s-sajd dinji bħala kaċċa. Madankollu, kaċċa huma żgur, f'kull aspett importanti. Fiħom insegwu ħlejjaq senzjenti bi strateġiji u mġiba tal-ħajja kumplessi, annimali li jirriproduċu l-ispeċi tagħhom stess u jirrispondu għall-madwar tagħhom u għall-uġigħ, annimali li jfittxu li jgħixu u jissieltu biex jevadu l-qbid u l-mewt. Bħala kaċċaturi tal-baħar (jew nassaba tal-baħar, fuq l-istess bażi li nassaba tal-għasafar jissejħu sajjieda tal-art), naqbduhom, noqtluhom, inqatluhom u nikluhom, bħalma nistgħu ċriev, borok jew



ħnieżer selvaġġi fuq l-art. Madankollu, b'xi mod, aħna sempliċement insejħu attivitajiet bħal dawn "sajd" u ħafna mistoqsijiet morali jisparixxu istantanjament. Fl-istess ħin, xi nies jitolbu li tintemm il-kaċċa **kollha**. Tajjeb, naħseb li wasal iż-żmien li nitkellmu b'mod dirett u ċar: is-sajd dinji kollu huwa kaċċa, u t-tmiem tiegħu jista' ma jkunx idea daqshekk tajba!

U huma tassew kaċċaturi fuq skala inkonċepibbli. Huma wkoll ta' importanza inkredibbli għall-umanità. Fl-2018, pereżempju, inqabdu u nqatlu madwar żewġ triljuni (2,000 biljun) ħut selvaġġ globalment (esklużi qbid inċidentali u mhux irrappurtat). Addizzjonalment, inqatlu u ġew ikkunsmati wkoll 51 sa 167 biljun ħut imrobbi. Filwaqt li kważi 60 miljun ruħ huma involuti fl-attivitajiet primarji tal-qbid tal-ħut u l-akwakultura, b'mod ġenerali, l-industrija, mill-ħsad sad-distribuzzjoni, taffettwa l-għajxien ta' 800 miljun ruħ (madwar 10 fil-mija tal-popolazzjoni umana) u hija stmata li tiġġenera aktar minn $400 biljun fi dħul annwali. Barra minn hekk, il-ħsad annwali tal-ħut jipprovdi madwar 3.3 biljun ruħ b'mill-inqas 20 fil-mija tal-konsum annwali tagħhom ta' proteini. Ovvjament it-tmiem ta' kaċċa bħal din ikollu konsegwenzi umani katastrofiċi. Madankollu, b'mod inkredibbli, din il-kaċċa ta' qligħ ġmielu hija ssussidjati mill-gvernijiet dinjija bi kważi 25 fil-mija tal-valur tal-qbid tagħhom, jew bir-rata ta' madwar $20 biljun fis-sena, li jipprovdu inċentivi qawwija għas-sajd eċċessiv u jimminaw l-isforzi ta' konservazzjoni biex jipproteġu l-oċeani tad-dinja.

Barra minn hekk, filwaqt li l-provvista ta' ħut għall-konsum mill-bniedem huma l-għanijiet primarji ta' din il-kaċċa, madwar 12 fil-mija jinqabdu biex jagħmlu ħut mitħun, ikel għall-annimali domestiċi u żejt tal-ħuta. B'mod inkredibbli, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti tistma li 35 fil-mija tal-ħut kollu kkaċċjat u meħud mis-selvaġġ jintrema minħabba li huma ta' daqs jew speċi mhux mixtieqa, jew minħabba li tħassru u mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem. Ħamsa u tletin fil-mija! Immaġina jekk il-kaċċaturi rikreattivi jħallu 35 fil-mija tal-annimali li jaħsdu jitħassru, jew iħalluhom jitilqu feruti għax kienu ta' daqs ħażin, jew waqt li kienu qed jikkaċċjaw għal speċi waħda regolarment qatlu oħrajn u jarmuhom. X'taħseb li tgħid id-dinja? U d-dinja x'tgħid kieku l-ħsad ta' aktar minn 34 fil-mija tal-ispeċijiet tal-annimali selvaġġi li jkunu legalment meħuda kien ġie determinat xjentifikament li ma jkunx bijoloġikament sostenibbli, li bħalissa huwa l-każ għall-kaċċa kummerċjali għall-ħut fuq il-baħar?

Il-punt tiegħi hawnhekk mhuwiex li nikkundanna s-sajd kummerċjali iżda li nindika d-differenza kbira fil-mod kif id-dinja tqis il-kaċċa tal-ħut kontra dik tal-għasafar u tal-mammiferi. Huwa wkoll biex nirrimarka li l-lingwa hija importanti fid-dibattiti tagħna dwar il-futur tal-kaċċa. Li ma nniċċarawx li l-insegwiment u l-qtil tal-annimali fil-baħar huwa fundamentalment differenti mill-kaċċa tal-annimali fuq l-art ifisser li nippermettu argumenti li l-kaċċa tista' tiġi pprojbita mingħajr konsegwenzi severi għall-umanità, u b'hekk jidher li l-kaċċa mhix kruċjali għall-komunitajiet umani, l-ekonomija, u l-benesseri. Jipprevjeni wkoll lill-kaċċaturi milli jindikaw kemm huma verament orjentati lejn il-konservazzjoni l-attivitajiet **tagħhom** u kemm titpoġġa enfasi fuq l-insegwiment etiku, l-utilizzazzjoni sħiħa, u l-metodi ta' qtil uman meta mqabbla mal-kaċċa kummerċjali għall-ħut.
Fil-kuntest usa', naħseb li wasal iż-żmien li l-komunità tal-kaċċa terġa' teżamina t-tattiċi tagħha biex tirrappreżenta l-kaċċa f'dinja moderna. Parti minn dak l-isforz għandu jbegħedna milli nigglorifikaw lilna nfusna filwaqt li nuru wkoll it-tħassib tagħna għall-annimali selvaġġi kollha, mhux biss għall-ispeċi kkaċċjati. Dawn huma pożizzjonijiet li ilni nsostni fuqhom. Iżda rridu nesploraw ukoll kif nistgħu nispjegaw aħjar ir-**rilevanza** tal-kaċċa, mhux biss l-istandards ta' prattika tagħha. Żgur li mod wieħed biex jintlaħaq dan huwa li jintwera li biljuni ta' nies għandhom jiddependu ħafna fuq il-kaċċa għall-ikel u l-għajxien tagħhom. Irrispettivament minn kif nistgħu nqisu l-ħut fil-katina kbira tal-esseri, huma ħlejjaq senzjenti li nsegwu u noqtlu. Is-sajd kummerċjali kollu huwa kaċċa. Nisperaw li xi darba, l-istandards tal-attivitajiet tal-kaċċa fuq l-art japplikaw ukoll għall-kaċċa fl-oċeani tad-dinja.